# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# (BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

CITAZZJONI NUMRU 5033/02

Illum 28 ta' Marzu, 2002

Il-Pulizija
(Spettur Sandro Zarb)

vs
Saleh Madi Al Sudik

Meta ssejhet il-kawza deher l-akkuzat assistit minn Dr Leo Bencini. L-akkuzat informa lil Qorti li hu ma jifhimx bil-lingwa maltija. Il-Qorti tinnomina lil Dr Leo Bencini, presenti fl-awla, bhala interpretu biex jassisti lill-akkuzat. L-interpretu inghata il-gurament.

Deher l-ufficjal prosekutur li qara u halef il-presentata tar-rapport.

L-akkuzat, minn jeddu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha kif migjuba mill-pulizija.

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli

1. F'dawn l-ahhar gimghat minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni.

2. Bhala persuna li kienet telqet minn Malta taht Ordni ta' Tnehhija jew Ordni ta' Deportazzjoni, ma talabx permess biex jinzel l-art u naqas li jiddikjara, espressament bil-miktub, lill-Ufficcjal tal-Immigrazzjoni dik ic-cirkostanza.

3. Nhar is-27 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-5.00 p.m. gewwa tal-Pieta, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1479 Andrew Kelly, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu, kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Fl-istess data lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 1479 Andrew Kelly, persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu.

5. Sar ricediv b'sentenza Tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija lilu nhar it-8 ta' Frar 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex barra milli taghti piena skond il-ligi, tiddikjara lill-imsemmi persuna bhala immigrant pprojbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija fil-konfront tieghu.

Semghet lill-akkuzat, **minn jeddu** jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Issibu hati talli:

1. F'dawn l-ahhar gimghat minghajr ma nghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni.

2. Bhala persuna li kienet telqet minn Malta taht ordni ta' tnehhija jew ordni ta' deportazzjoni ma talabx permess biex jinzel l-art u naqas li jiddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficcjal tal-Immigrazzjoni b'dik ic-cirkostanza.

3. Nhar is-27 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-5.00 p.m. gewwa tal-Pieta ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1479 Andrew Kelly, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Fl-istess data lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 1479 Andrew Kelly persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu.

5. Sar ricediv b'sentenza Tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija lilu nhar it-8 ta' Frar 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli relattivi.

In rigward piena, il-Qorti tikkundanna lil Saleh Madi Al Sudik ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospiza ghal sentejn bil-kundizzjoni li l-istess akkuzat ma jikkommettix reat iehor suggett ghal piena ta' prigunerija ghall-istess perjodu ta' sentejn.

In oltre tordna il-hrug tal-Ordni ta' tnehhija skond l-annessa formola kontra l-istess akkuzat.

Din is-sentenza giet spjegata lill-istess akkuzat mill-espert interpretu.

Alan Calleja
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur